**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 211/2015**

**Illum: 26 ta' Settembru 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sergio Pisani)**

**vs**

**Tristan-Kyle Pisani**
**(ID 0373792(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Tristan-Kyle Pisani ta' 23 sena, bin Anthony u Josephine Anne nee` Azzopardi, imwieled il-Pieta` nhar it-8 ta' Awwissu 1992, residenti gewwa 57, Gravel Haze, Triq Dun Karm Sant, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 0373792(M);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fl-20 ta' Gunju 2015, ghal habta ta' 17:45:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skont ir-ricetta kif

provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli 1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waqt li kellu l-kontroll tal-vettura tal-ghamla KTM bin-numru ta' registrazzjoni KBS167 fil-kontroll tieghu naqas li jobdi ordinijiet, indikazzjonijiet jew sinjali moghtija minn Pulizija waqt il-qadi ta' dmirijiethom bi ksur tar-Regolament 124(1) tal-Ligi Sussidjarja 65.11;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kien fil-kontroll ta' vettura bil-mutur tal-kategorija A fi triq pubblika meta ma kellux licenzja tas-sewqan valida jew permess ghal min ikun qieghed jitghallem mahrug mill-Awtorita' jew licenzja tas-sewqan valida mahruga minn xi awtorita` kompetenti f'pajjiz iehor bi ksur tar-Regolament 3(1) tal-Ligi Sussidjarja 65.18;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kien fil-kontroll ta' vettura bil-mutur meta ma kellux polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni bi ksur ta' l-Artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat General ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' din l-imputazzjoni.

Fir-rigward tat-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet, il-Prosekuzzjoni baqghet ma ressqet l-ebda prova. L-istqarrija esebita in atti m'hijiex iffirmatha u lanqas ma giet ikkonfermatha f'dawn il-proceduri u r-rapport esebit in atti lanqas ma gie kkonfermat mill-Ufficjal tal-Pulizija li rredigih. Dan apparti kwistjonijiet ta' preskrizzjoni. Ghaldaqstant, il-Qorti m'hijiex qed issib htija fl-imputat dwar dawn it-tliet imputazzjonijiet.

Ghal fini ta' piena dwar l-ewwel imputazzjoni, stante illi m'hemmx prova in atti illi l-imputat kien fil-pussess ta' izjed minn zewg grammi kokaina, u fid-dawl tal-principju illi kull dubju ghandu jmur favur l-imputat, il-Qorti qed tapplika d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Qieset ukoll f'dan ir-rigward, il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tal-kaz odjern, mil-liema jirrizulta illi precedentement huwa nstab hati ta' pussess semplici ta' droga u nghata liberazzjoni kundizzjonata.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI u l-Artikolu 22(1)(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat mhux hati tat-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom, fil-waqt illi fuq ammissjoni, qed issibu hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghall-penali ta' mitt ewro (€100).

Tordna ai termini tal-Artikolu 10(2) tal-Kap. 291 tal-Ligijiet ta' Malta, illi f'kaz li l-hati ma jhallasx din il-penali fi zmien xahar mil-lum, huwa ghandu jhallas penali addizzjonali ta' hdax-il ewro u hamsa u sittin centezmu (€11.65).

Natasha Galea Sciberras
Magistrat